**Ġ4.3.5**
nidentifikaw il-ħwejjeġ differenti li nilbsu skont l-istaġun li nkunu fih

# L-ilbies skont it-temp jew staġun f'Malta

(*riċerka u kitba ta' Ms Glorienne Degiorgio, Ms Isabelle Debono, Ms Nadine Micallef u Ms M.R. Gauci – Skola Primarja San Pawl il-Baħar Kulleġġ Maria Regina*)

Il-klima fil-gżejjer Maltin insejħulha klima temperata. Is-sajf f'Malta huwa pjuttost sħun. Ix-xitwa fil-gżejjer Maltin mhix daqstant qalila għalkemm ikollna xi ftit tal-kesħa. Għalhekk l-ilbies li nilbsu jvarja skond l-istaġuni.

Fix-xitwa nilbsu ħwejjeġ ħoxnin u tas-suf biex isaħħnuna, bħal brieret, xalel u kowtijiet, filwaqt li fis-sajf nilbsu ħwejjeġ aktar irqaq u ħfief. Nilbsu ħwejjeġ bħal xorzijiet u flokkijiet biċ-ċingi.



Fl-imgħoddi l-irġiel kienu jilbsu qmis tal-flanella, sidrija, terħa u beritta, filwaqt li xi nisa kienu jilbsu l-għonnella fix-xitwa, speċjalment għal xi okkażjoni speċjali. Meta tagħmel ix-xita kienu jilbsu xi tip ta' inċirata. Fis-sajf l-irġiel kienu jilbsu qmis tal-qoton bil-kmiem twal u kienu jilbsu wkoll kappell b'faldi kbar tat-tibna biex jilqgħulhom is-sħana qawwija tax-xemx. Fis-sajf in-nisa wkoll kienu jilbsu maktur marbut ma' rashom biex jilqgħalhom ix-xemx.

# L-ilbies skont il-klima

L-ilbies f'pajjiżi differenti jvarja skond il-klima ta' kull pajjiż partikulari. Jiġifieri f'pajjiżi li huma aktar viċin tal-ekwatur, bħal pereżempju l-Libja, it-temperaturi jkunu sħan ħafna.



l-ekwatur



Għalhekk, kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel, f'dawn il-pajjiżi, jilbsu ħwejjeġ twal biex jitgħattew sewwa mix-xemx. Dan l-ilbies ikun ħafif ħafna biex iżommhom friski.



Fl-aktar postijiet 'il bogħod mill-ekwatur ikun hemm ħafna silġ għax it-temperaturi huma kesħin ħafna. Għalhekk in-nies li jgħixu f'dawn l-inħawi, bħall-Eskimiżi, jilbsu lbies oħxon ħafna biex ma jħossux bard.